**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 451/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Walter Mallo**

Illum, 30 ta' Ottubru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Walter Mallo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 190881(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fl-20 ta' Diċembru 2012 u matul l-erba' snin ta' qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/I mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xorta oħra awtorizzat li jimmanifatura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 għall-kontroll intern tad-drogi

perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga herojina, speċifikata fl-ewwel skeda ta'l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/I mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.
3. U aktar talli fl-20 ta' Diċembru 2012 f'dawn il-gżejjer, biegħ, espona għall-bejgħ, ġarr, kellu fil-pussess tiegħu, spara jew uża, importa jew immanifattura xi skrataċċ ikkargati biċ-ċomb ta' daqs iktar minn 3.2 mm f'dijametru bi ksur tal-L.S. 504.06 Reg. 21 tal-Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta.,

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Novembru 2023, fejn il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat Walter Mallo mhux ħati tal-imputazzjoni (ċ) miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnha, filwaqt illi sabitu ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) u kkundanatu għall-piena ta' tnax-il xahar priġunerija effettiva, mill-liema għandu jitnaqqas iż-żmien illi huwa nzamm taħt arrest preventiv in konnessjoni mal-każ odjern u multa ta' elfejn ewro (€2000), liema multa, bl-applikazzjoni tal-Artikoli 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi kkonvertit fi priġunerija skond il-liġi. Stante illi l-ispejjeż tal-esperti maħtura fil-mori tal-inkjesti saru in konnessjoni mal-każijiet ta' Ramon Abela u Diane Delia rispettivament, il-Qorti ma kkundanatx lill-ħati għal ħlas ta' dawn l-ispejjeż. In oltre, il-kontenut tar-relazzjoni ta' Dr Martin Bajada, maħtur f'dawn il-proċeduri, ma nċidiex fuq il-ħtija tal-imputat u għaldaqstant,

il-Qorti ma kkundanatux iħallas l-ispejjez ta' din ir-relazzjoni. Finalment, il-Qorti ordnat ir-rilaxx tas-somma ta' €785, esebita bħala Dok DT 6, favur il-ħati. Ordnat ukoll il-konfiska tal-iskartoċċ esebit bħala Dok. DT 7.

Rat ir-rikors tal-appellant Walter Mallo, ippreżentat fit-12 ta' Diċembru 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fejn huwa ġie lliberat mill-imputazzjoni (ċ) u tħassar dik il-parti kwantu sabitu ħati tar-reati kkontemplati fl-artikoli (a) u (b) u kkundanatu għall-piena ta' tnax -il xahar priġunerija effettiva, mill-liema għandu jitnaqqas iz-zmien illu huwa nzamm taħt arrest preventiv in konnessjoni mal-kaz odjern u multa ta' €2,000, u konsegwentement tilliberah minn kull piena u ħtija skond il-liġi. F'każ li s-sentenza appellata tkun ikkonfermata, l-appellant talab li tkun imposta piena aktar ekwa u ġusta għal każ odjern.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 10 ta' Lulju 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tiskarta bħala prova l-istqarrijiet illi ttieħdulu mingħajr assistenza legali meta huwa kien interrogat mill-pulizija stante li din il-prova tista' twassal għal vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu hekk kif sanċiti fil-Konvenzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u fil-Kostituzzjoni.

Illi l-Ewwel Qorti iddeċidiet dwar din il-lanjanza billi iddikjarat illi ma kenitx se tieħu kont tal-istqarrija rilaxxata mill-appellant lill-pulizija meta iddeċidiet is-segwenti:

> **"Madanakollu kif diġa ingħad iżjed 'il fuq, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat għażel li ma jweġibx għad-domandi li sarulu, kif kellu dritt li jagħmel, mingħajr ebda inferenza dwar il-ħtija tiegħu o meno u**

**għaldaqstant, il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tidħol fil-kwistjonijiet dwar il-valur probatorju jew in-nuqqas ta' valur probatorju tal-istqarrija rilaxxjata minnu, meta fil-fatt tali stqarrija ma toffri l-ebda prova. Dak li sejra tieħu in konsiderazzjoni il-Qorti bħala prova għall-fini tal-mertu hija x-xhieda tal-istess imputat f'dawn il-proċeduri, li ngħatat minnu volontarjament, kif debitament assistit l-avukat difensur tiegħu."**

Illi, jirriżulta li l-appellant kien irrilaxxja stqarrija waħda lill-Pulizija nhar l-20 ta' Diċembru 2012, u ċioe' fi żmien meta d-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni kien għadu ma ġiex introdott, b'dan il-jedd isib postu fil-Kodiċi Kriminali permezz ta' l-Att LI tal-2016, u dana f'Novembru tas-sena 2016. Jirriżulta ukoll, pero', li l-appellant ingħata d-drittijiet kollha viġenti f'dak iz-zmien, tant li filfatt huwa għazel li jirrinunzja għad-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interogazzjoni. Wara dan huwa għazel li ma jwieġeb għall-ebda domanda lilu magħmul mill-interrogatur.

Illi, dan magħdud, għalkemm l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet miksuba waqt l-interrogazzjoni tal-persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat, iżda li għadha ma ġietx mixlija l-Qorti, jikkostitwixxu prova fil-proċess penali, madanakollu huwa evidenti mill-bran supra-iċċitat mis-sentenza appellata, illi l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha ma ħadet ebda kont tal-kontenut ta' din l-istqarrija ukoll għaliex ġaladarba l-appellant użufruwixxa ruħu mid-dritt tiegħu għas-silenzju l-ebda prova ma inkisbet minn din l-istqarrija. Dan ukoll għaliex dak li jikkostitwixxi prova fil-kamp penali huma propju t-tweġibiet mogħtija mis-suspettat fl-istqarrija u mhux il-mistoqsijiet, u għalhekk il-fatt li l-appellant ma wieġeb għall-ebda mistoqsija jrendi l-istess stqarrija mingħajr valur probatorju, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti sabiex għalhekk l-ilment imqanqal mill-appellant f'dan l-aggravji jirrażenta il-fieragħ u qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sussegwentement l-appellant iressaq erba' aggravji li huma kollha marbuta mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u għalhekk ser jiġu trattati

flimkien bil-għan illi jkun determinat dak li huwa fis-setgħa ta' din il-Qorti li tissindika u ċioe' jekk dan l-apprezzament kienx wieħed legalment u raġjonevolment validu[1].

Illi, b'mod ewlieni l-appellant jilmenta li ma nstabet l-ebda droga fil-pussess tiegħu, kif ukoll li d-droga li nstabet fil-pussess ta' Ramon Abela, u li allegatament nxtrat minn għandu, ma ġiet qatt eżebita fl-atti mill-Prosekuzzjoni biex b'hekk l-aħjar prova baqgħet ma tressqitx. Illi, għalkemm huwa minnu li fil-pussess tal-appellant ma nstabet ebda droga, u għalkemm id-droga li instabet fil-pussess ta' Abela qatt ma kienet eżebita u għalhekk wisq anqas analiżżata, madanakollu l-Prosekuzzjoni eżebit b'mod formali id-droga li nstabet fil-pussess ta' Diane Delia u li kienet eżebita fil-proċeduri penali inizjati kontra l-imsemmija Delia, liema droga allegatament ukoll nxtrat minn għand l-appellant fejn ix-xhud Andre' Azzopardi f'isem id-Direttur tal-Qrati u Tribunali eżebixxa zewġ ritratti ta' din id-droga meħuda qabel l-istess droga kienet ġiet distrutta fil-15 ta' Mejju 2014. Ukoll, l-Ispizjar Mario Mifsud kien ikkonstata li din d-droga misjuba kienet filfatt droga erojina fl-ammont nett totali ta' 2.98 grammi b'purita ta' ċirka 37.5%. Għalhekk, għalkemm ma nstabet ebda droga fil-pussess tal-appellant u ebda droga ma kienet fiżikament eżebita, madanakollu dan in-nuqqas irid jkun eżaminat fil-kuntest tal-provi kollha li hemm fl-atti sabiex ikun determinat jekk l-Ewwel Qorti erratx fid-deċiżjoni tagħha legalment u raġonevolment, b'mod ewlieni fid-dawl ta' dak dikjarat minn Ramon Abela u ta' Diane Delia li implikaw lill-appellant f'ċirku ta' traffikar ta' droga.

Illi, fil-fatt fit-tielet u r-raba' aggravvji mqanqla mill-appellant, huwa jisħaq li Ramon Abela u Diane Delia kienu nkonsistenti fil-verżjoni tal-fatti minnhom mogħtija. Minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta li fis-sena 2009, il-Pulizija kellha nformazzjoni kunfidenzjali li PC 1134 Ramon Abela kien involut f'ċirku ta' traffikar tad-droga. Fil-

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

fatt Abela ġie arrestat u saret tfittxija fil-vettura tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni BBD-431, fejn nstabu zewġ qratas zgħar kontenenti sustanza suspettata droga kokajina. Fit-tfittxija li saret fir-residenza tiegħu, instabu ukoll *sachet* kontenenti sustanza bajda suspettata kokajina u affarijiet oħra relatati mal-abbuż tad-droga. In segwitu, nhar is-6 ta' Novembru 2009, Ramon Abela rrilaxxja stqarrija lill-Pulizija fejn stqarr li huwa kellu bosta problemi personali u kien irrikorra għad-droga kokajina sabiex itaffi ftit minn dawn il-problemi. Huwa kompla jistqarr li kien ilu jabbuża mid-droga xi tlett xhur u li kien jixtri madwar darbtejn f'ġimgħa, daqqa 2 grammi u daqqa 3 grammi. Jgħid li kien iħallas €20 għal kull pakkett ta' 0.1 grammi u jispjega li kien jinqeda mill-Fgura "**mingħand wieħed jismu Walter Mallo li joqgħod Triq Mater Boni Consigli Fgura. Għandu l-ewwel dar kif iddur mat-Tip Top**". Jgħid li sabiex jinqeda kien iċempillu jew jibagħtlu messaġġ fuq in-numru 99167600. Ramon Abela kien għażel li jikkonferma bil-ġurament l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti.

Illi, sussegwentement, Ramon Abela xehed ukoll bil-ġurament quddiem l-Ewwel Qorti fejn ikkonferma l-ewwel u qabel kollox li huwa kien għadda proċeduri kriminali in konnessjoni mad-droga misjuba fil-pussess tiegħu, u li l-każ tiegħu kien għadda in ġudikat. Ikkonferma li d-droga kokajina kien jixtriha mingħand l-appellant, li għaraf preżenti fl-awla, u stqarr li kien jixtri pakkett jew tnejn mingħandu pero' d-dettalji ma kienx jiftakarhom. Xehed li meta kien ikollu bżonn kien imur ikellem lill-appellant *face to face* u dana kien ifornih bid-droga,  pero' ma kienx jaf jgħid minn fejn l-appellant kien jakkwista din id-droga. Stqarr ukoll li darba fost l-oħrajn, fis-sena 2010, huwa kien xogħol Paceville fejn ra l-appellant, li minn naħa tiegħu beda jheddu li ħa jpattihielu talli għamel stqarrija ġuramentata kontrih. Infatti, meta ġie moqri l-istqarrija tiegħu fil-Qorti, Abela jistqarr li ma ftakar xejn mill-kontenut ta'l-istess. *In oltre*, meta huwa reġa' ttella jixhed in kontro-eżami, stqarr li ma jiftakar xejn, lanqas li qatt xtara d-droga mingħand l-appellant.

Illi, għalkemm, x-xhud Ramon Abela fil-Qorti għamel *retraction* ta' dak mistqarr minnu lill-Inkwirenti fix-xiehda ġuramentata tiegħu, madanakollu l-Ewwel Qorti għażlet li temmen dak mistqarr minnu fl-imsemmija stqarrija li, fil-fehma tagħha,

kienet tipprovdi id-dettal dwar kif u meta Abela kien jakkwista d-droga minn għand l-appellant, kuntrarjament ghar-reticenza li huwa wera meta iddepona fil-qorti sabiex għall-Ewwel Qorti kien evidenti illi Abela kien qed jagħmel minn kollox biex ma jimplikax lill-appellant f'dan l-iskambju ta' droga. Dina l-Qorti hija tal-fehma li Abela konvenjentement għazel li jinsa' ċertu dettalji meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti sabiex ma jkomplix jidher ikrah f'għajnejn l-appellant, u dana anke fid-dawl tal-fatt li Abela kien xehed li l-istess appellant kien saħansitra heddu. Illi allura l-Qorti ma tarax illi għandha tiskossa d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti meta din tat affidament lill-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Abela fl-istqarrija ġuramentata tiegħu. Dana għaliex hemmhekk huwa jidħol f'diversi dettalji li dina l-Qorti tqis li huma verosimili, tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern.

Illi, *in oltre*, jirriżulta li sussegwenti għall-arrest ta' Abela, il-Pulizija baqgħet tagħmel l-investigazzjonijiet tagħha, fejn nhar is-27 t'Awwissu 2010, sar rapport li għall-ħabta tal-11:30am f'dak il-jum, instabet is-sustanza erojina f'ikel li ċertu Diane Delia kienet ippruvat tgħaddi lil żewġha Alfred Delia, li kien qed jinzamm taħt arrest fil-*lock up* tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għal skop ta' investigazzjoni. Diane Delia xtaqet illi tikkonferma, taħt ġurament, il-kontenut tal-istqarrija rilaxxata minnha lill-Pulizija u fil-fatt, nhar is-27 t'Awwissu 2010, nstemgħet ix-xhieda ta' Diane Delia quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, fejn l-istess ikkonfermat il-kontenut ta' l-istqarrija tagħha. Ma' din l-istess stqarrija ġie anness dokument ieħor konsistenti f'ritratt ta' Walter Mallo, indikat mill-istess xhud bħala il-persuna li minn ghandha kienet akkwistat din id-droga, kif ukoll informazzjoni oħra dwar l-appellant.

Illi, fl-istess stqarrija ġuramentata Diane Delia kkonfermat li fl-ikel li kienet ħadet lil zewġha l-*lock up*, kien hemm tlett qratas bi trab kannella. Spjegat li kienet ħallset mitejn ewro għal tlett grammi erojina "**mingħand wieħed li għandu Pajero griz ċar u jismu Walter**". Kompliet tispjega li hija kienet iltaqgħat ma' Walter u staqsietu jekk setax jaqdiha peress li kienet taf li hu kien ibiegħ id-droga, u dana kienet tafu għaliex hija kienet xtrat id-droga erojina mingħandu f'okkażjoni preċedenti. Tiddeskrivi lill-istess Walter bħala "**mhux twil, karnaġġjon ginger, għandu tpinġija fuq idu, joqgħod il-Fgura, xagħru lixx u mhux innuklat**". Fl-aħħarnett hija kkonfermat l-

identita' ta' Walter Mallo permezz ta' ritratt muri lilha mill-investigaturi u tgħid is-segwenti:

> **"Fuq domanda tal-Maġistrat ngħid li ma nafx x'kunjomu Walter pero' naf li joqgħod il-Fgura fil-viċinanzi ra' l-istabbiliment Chick King kif ukoll stabbiliment ieħor bl-isem ta' Tip Top. Ma nafx fejn hija sitwata r-residenza ta' Walter kemm in rigward it-triq u kemm in rigward in-numru jew isem ta' l-istess dar. Jiena naħseb ukoll li r-residenza ta' Walter hija viċin tal-bandli tal-Fgura...".**

Illi, in segwitu, Diane Delia xehdet quddiem il-Qorti fejn wara li kkonfermat li l-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha kienu għaddew in ġudikat, stqarret illi kienet xtrat 3 grammi erojina għal zewġha mingħand l-appellant u tgħid li kienet iltaqgħet miegħu Ħaż-Żabbar, u peress li kienet taf li kien ibiegħ id-droga, kienet avviċinatu. Tgħid li din ma kinitx l-ewwel darba li hi u żewġha xtraw mingħand Mallo u li kienu jinqdew mingħandu regolarment, pero' qabel din l-okkażjoni kien zewġha li kien jagħmel kuntatt mal-appellant u mhux hi. Ikkonfermat ukoll il-kontenut tal-istqarrija ġuramentata minnha magħmula. Finalment, in kontro-eżami, tisħaq li d-droga xtratha mingħand l-appellant. Difatti, meta d-difiża ppruvat tallega li filfatt ma kienx l-appellant li mingħandu kienet xtrat id-droga, hija terġa' tisħaq li kien hu u tgħid il-kliem lill-avukat, "**Int ma taf xejn hi għax inti ma kontx magħna**".

Illi, għalhekk huwa evidenti illi kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-appellant il-verzjoni tal-fatti mogħtija minn din ix-xhud kienet verzjoni li dejjem baqgħet konsistenti u li għalhekk l-Ewwel Qorti setgħat tistrieħ fuqha sabiex issib il-ħtija fl-appellant. Illi jingħad illi l-Ewwel Qorti eżaminat fid-dettall il-verżjonijiet tal-fatti mogħtija minn dawn iż-żewġ xhieda, liema apprezzamnet huwa ineċċepibbli, tant illi l-Ewwel Qorti saħansitra teżamina dawk il-partijiet minn dak li qalu dawn it-tnejn minn nies fejn setgħu ma kenux konsistenti fil-verżjonijiet tagħhom tal-fatti, liema inkonsistenzi ma setgħux ixejjnu mill-affermazzjoni minnhom magħmula illi huma kienu jakkwistaw id-droga minn għand l-appellant fejn it-tnejn li huma jindikaw il-post fejn kien jirrisjedi l-appellant u minn fejn kien isir l-akkwist.

Illi, finalment, l-appellant iressaq aggravju ukoll dwar il-karta bin-notamenti li nstabet fil-kamra tar-residenza tiegħu fejn huwa jisħaq li tali karta ma tikkostitwixxi ebda prova kuntrarjament għal dak li tikkonkludi l-Ewwel Qorti. L-appellant lanqas f'dan

l-aggravvju ma għandu raġun u dan għaliex il-karta li nstabet kien fiha diversi ismijiet u laqmijiet, li hekk kif xehdu l-Pulizija huma magħrufa fid-dinja tad-droga, flimkien ma' ammont miktub ħdejn l-istess. Dawn it-tip ta' notamenti huma sinonomi mat-traffikar tad-droga u l-fatt li ma nstabitx droga fir-residenza tal-appellant ma jnaqqas xejn mill-valur probatorju ta' dana d-dokument, li fuq kollox jikkostitwixxi prova indiretta u ċirkostanzjali li meta jintefa fil-qoffa tal-provi kollha kkumpilati jikkorrobora il-provi diretti li inkisbu matul dan il-proċess penali. Magħdud mal-istqarrijiet ġuramentati ta' Delia u Abela, kif ukoll magħdud max-xhieda tal-appellant stess, fejn huwa ma jagħti l-ebda verżjoni plawsibbli li b'xi mod tikkontradixxi din l-evidenza, l-karta misjuba fil-pussess tiegħu bin-notamenti li kien fiha tkompli tikkorrobora l-fatt li l-appellant kien jispaċċa d-droga, kif mixli.

Għalhekk, dina l-Qorti hija tal-fehma li it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames aggravji tal-appellant ma jistħoqqilhomx akkoljiment, u qed jiġi miċħuda.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fis-sitt aggravju minnu mressaq, l-appellant jilmenta mit-trapass ta' żmien li damu għaddejjin il-proċeduri, liema fattur jikkontendi ħoloq preġudizzju irrimedjabbli għalih meta illum huwa għandu familja li tiddependi minnu. Issa huwa minnu li dan il-każ twal għal diversi snin, iżda jingħad ukoll illi fih inġabru diversi provi. Filwaqt li dina l-Qorti temmen li l-proċess penali għandu jkun wieħed spedit kemm jista' jkun, mill-atti proċesswali odjerni, ma jidhirx pero' li dana t-trapass ta' zmien jista' jiġi attribwit lill-Prosekuzzjoni jew lill-Qorti jew li kien każ ta' tkaxkir ta' saqajn. Fi kwalunkwe każ dan il-fattur jista' biss iservi bħala mitigazzjoni fil-piena u ma għandu ebda rilevanza ai fini ta' sejbien ta' ħtija. Għalhekk, anke dan l-aggravju qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għall-ġudizzju ta' din l-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn l-appellant jisħaq li l-piena errogata fil-konfront tiegħu ta' tnax-il xahar priġunerija u multa ta' €2000 hija waħda eċċessiva u sproporzjonata.

Illi, jibda biex jingħad illi ma jirrizultax illi l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[2] . Kienet piena fil-parametri prospettati mill-liġi u anzi tqarreb iktar lejn il-minimu tagħha u tirrispekja l-fatti speċi tal-każ odjern minn fejn emerġiet il-figura tal-appellant bħala spaċċatur ta' droga. *In oltre*, ma tressqet l-ebda raġuni valida li tista twassal lil din il-Qorti tapplika xi mitigazzjoni ulterjuri tentu kont anke tal-fedina penali tiegħu kif ukoll tal-fatt illi l-Ewwel Qorti meta ġiet beix tikkalibra l-piena ħadet in konsiderazzjoni anke it-trapass ta' żmien beix jiġu konklużi dawn il-proċeduri. Għalhekk anke dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellant Walter Mallo u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

[2] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.